24 ta' Lulju, 1946.

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Gustavo Micallef et.** *versus* **Eleonora Micallef et.**

**Tassazzjoni — Ritassa.**

*Il-prinċipju enunċjat in linja ta' massima, illi t-tassazzjoni tad-drittijiet ġudizzjali tiġi regolata mid-domanda, jew mis-sentenza meta fid-domanda s-somma ma hix determinata, ma hux inflessibili, imma għandu jiġi raġjonevolment kwalifikat bil-prinċipju l-ieħor illi meta mill-kumpless tal-kontestazzjoni jkun jidher x'inhu l-valur tal-pretensjoni ta' l-attur, allura t-tassazzjoni ssir fuq dak il-valur, avvolja d-domanda tkun għal somma li għandha tiġi likwidata.*

*Il-kelma "domanda" ma għandhiex biss is-sens limitat tal-pretiża kontenuta fl-att taċ-ċitazzjoni, imma anki s-sens tal-kumpless tal-kontroversja li fuqha għandha tingħata d-deċiżjoni.*

Il-Qorti: — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi, wara li ppremettew illi t-tassazzjoni magħmula mill-konvenut Avukat Dr. Giuseppe Vella nomine, sija tad-drittijiet tar-Reġistru, u sija għad-drittijiet tad-difensuri tal-kontendenti, għas-sentenza ta' dina l-Qorti tat-8 ta' April 1946, fil-kawża fl-ismijiet "Gustavo Micallef vs. Eleonora Micallef ne.", fejn id-dritt tar-reġistru ġie likwidat għal £15. 0. 4 u d-dritt tad-difensuri għal £20. 13. 4 (dok. A), mhux skond il-liġi, għax ġew regolati "ad valorem" mentri kellhom jiġu regolati bħala dikjarazzjoni jew artikoli, u dan peress li d-domanda kontenuta fiċ-ċitazzjoni ma kienetx tirrigwarda kundanna għall-pagament ta' somma likwida, imma biss kundanna tal-konvenuta Eleonora Micallef fil-kwalità premessa għar-rifużjoni ta' dik is-somma li tirriżulta dovuta, liema somma ma ġiet qatt likwidata f'dik il-kawża; talbu li tiġi ordnata minn dina l-Qorti r-ritassa tad-drittijiet

tar-Reġistru u tad-difensuri għas-sentenza fuq indikata a sens u in bażi ta' artikolu jew dikjarazzjoni skond il-liġi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti. li għandhom jiġu nġunti biex jidhru għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, kif tajjeb osserva l-konvenut Reġistratur, fl-aħħar paragrafu tad-dikjarazzjoni fol. 10, dak li huwa in diskussjoni f'din il-kawża, skond it-termini li fihom hi konċepita ċ-ċitazzjoni, hu semplicement il-prinċipju jekk it-tassazzjoni kellhiex issir bħala bażata fuq artikolu minflok "ad valorem". Ma hijiex in diskussjoni l-kwistjoni jekk il-kalkolu tal-valur sarx sewwa jew le;

Ikkunsidrat;

Illi mill-eżami tal-kawża prinċipali (dik ċjoè fl-ismijiet "Gustavo Micallef vs. Eleonora Micallef ne.", maqtugħa minn din il-Qorti fit-8 ta' April 1946, il-lum pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell, jidher illi bl-att taċ-ċitazzjoni l-attur ma talabx semplicement dikjarazzjoni tar-responsabilità tal-konvenuta proprio et nomine għal sehem mill-flus li hu jallega li ħareġ għall-ġenituri komuni, imma talab "li tiġi kundannata tħallas u tirrifondi lill-attur dik is-somma li tirriżulta dovuta għar-raġunijiet premessi";

Illi, kif ġie ripetutament deċiż, partikolarment dan l-aħħar fis-sentenza ta' din il-Qorti "Falzon vs. Dr. Vella ne." tat-28 ta' Frar 1946 (ara ġurisprudenza fiha ċitata)—sentenza li, kwantu għall-prinċipju regolatur, ma ġietx varjata bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-1 ta' Lulju 1946—il-prinċipju enunċjat in linja ta' massima, illi t-tassazzjoni tad-drittijiet ġudizzjali tiġi regolata mid-domanda, jew mis-sentenza meta fid-domanda s-somma ma hix determinata, ma hux inflessibili, imma għandu jiġi raġjonevolment kwalifikat, kif ġie mill-ġurisprudenza kwalifikat, bil-prinċipju l-ieħor illi meta minn dak li jissejjaħ "il complesso del tema contenzioso", ossija "massa litigiosa", ikun jidher x'inhu l-valur tal-pretensjoni ta' l-attur, allura t-tassazzjoni ssir fuq dak il-valur, avvolja d-domanda tkun għal somma li għandha tiġi likwidata. Il-kelma "domanda" ma għandhiex biss is-sens limitat tal-pretiża kontenuta fl-att taċ-ċitazzjoni, imma anki s-sens, "in subjecta materia",

tal-kumpless tal-kontroversja li fuqha għandha tingħata d-deċiżjoni. L-attur jista' jiddetermina l-pretensjoni tiegħu anki bi skritturi oħra *fil-proċess*, u allura l-kuntrast fuq dik il-pretensjoni jsir il-veru "disputatum" li għandu jitqies il-valur tiegħu għall-finijiet tat-tassazzjoni;

Illi fil-kawża prinċipali l-attur ippreżenta prospett tal-flus li hu jallega li ħareġ għall-ġenituri komuni. Minn dan il-prospett jidher ċar illi l-attur kien qiegħed jitlob fil-konfront tal-konvenuta nomine, il-ħlas ta 'somma ta' flus regolabili fuqu, b'mod li l-valur tal-pretensjoni tiegħu ġiet determinata b'dik l-iskrittura;

Illi għalhekk il-konvenut Reġistratur attjena ruħu għall-prinċipji ormaj akkolti fil-ġurisprudenza. Jekk il-kalkolu tal-valur sarx sewwa jew le hi kwistjoni li, kif ġà ngħad, ma tidħolx fil-meritu ta' din il-kawża kif proposta;

Għalhekk il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad it-talba, bl-ispejjeż kontra l-atturi.